MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 929/2008

**Av. David Tonna (numru tal-karta ta’ l-identita’ 659956 (M)) bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Nike International Limited.**

**vs.**

**Dr. Renzo Porsella Flores u il-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar, b’digriet tat-8 ta’ Jannar 2009 giet nominata sabiex tisostitwixxi lill-Prokuratur Legali Doreen Aquilina, u li b’ digriet tal-21 ta’ Ottubru 2008 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta’ Sarl Ben Moussa Moad Salim Khenchela Algeria.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor David Tonna ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetajiet esteri Nike International Limited datat 17 ta' Settembru 2008 a fol 1 tal-process fejn ippremettew : -

Illi s-socjeta` Nike International Limited ta' one Bowerman Drive, Beaverton, Oregon,97005-6453, tal-Istati Uniti tal-Amerika hija propejtarja ta' diversi markji, fosthom il-markju "NIKE" u l-markju distintiv maghruf bhala "Swoosh Design", liema markji huma uzati minn din is-socjeta` fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skont kif jidher fuq id-Dokumenti "A", "B", "C" u "D";

Illi s-socjeta` rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta` ndustrijali tal-istess markji "NIKE" u "Soosh Design" fil-komplessita` taghhom irregistrati fir-Registru tal-Markji f' Malta taht *Trademark No 17123* (Dok "A"), u *Trademark No 17125* (Dok "B") kif ukoll minhabba l-fatt illi s-socjeta` rikorrenti ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku "Swoosh Design" u dan kullu *ai termini* tal-**artikolu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Inrakonfini) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta,** liema markju "Swoosh Design" huwa wkoll irregistrat bhal *Tradmark* Kominitarja mal-'Office for Harmonization in the Internal Market' tal-Unjoni Ewropea (innazat f' Alicante, Spanja) taht Numru 000277632 ("Swoosh Design" – "outline form") (Dok "C") u Numru 000277517 ("Swoosh Design" – "solid form") (Dok."D")'

Illi jirrizulta illi fit-18 ta' Awwissu 2008 iddahlet gewwa Malta fuq il-vapur MV "CMA-CGM PASSIFLORE", u/jew gew importati temporanjament u/jew tqieghdu gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' zraben spostivi li gibu l-markju "NIKE" u l-markju distintiv "Swoosh Design" fuq imsemmija liema konsenja tikkosisti fi tlett elef, sitt mija u erbgha u ghoxrin (3,624) par b'*Container* Numru ECMU9672873, u fi tmin mija u erbgha (804) pari b' *Container* Numru TGHU7282829, ghal total ta' erbat elef, erba' mija u tmienja u ghoxrin (4,428) par, u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projbizzjoni tal-**artikolu 4 tal-Kap. 414;**

Illi mill-Polza ta’ Kargu Numru NBHY004933 jirrizulta li l-konsenjatarji taz-zraben sportivi in kwistjoni huma ndikati bhala Sarl Ben Moussa Morad Salim Khenchela Algeria, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huwa ndikat bhala Chal Global Limited Flat/Rm 1610 Nan Fung Tower 173 Des Voeux Road Central HK;

Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-proprjeta’ intellettwali huwa projbit skont l-**artikolu 4 ta’ l-istess tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi dawn iz-zraben sportivi in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ rikorrenti skont l-**artikolu 2 (1) (a) (i) u (iii) tal-Kap. 414** li favur taghha huma rregistrati l-markju “NIKE” u l-markju distintic maghruf bhala “Swoosh Design”, u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet ta’ proprjeta` intelletwali tas-socjeta` rikorrenti skont l-**artikolu 2(1)(b) tal-istess Kap. 414,** kif ukoll jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intelletwali tas-socjeta` rikorrenti skont l-**artikolu 2 (1) (a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003** li tirrigwarda l-azzjonijiet li tiehu d-Dwana kontra prodotti li huma sospettati li jikkontravvjenu certi drittijiet ta’ proprjeta` intelletwali u l-mizuri li jridu jittiehdu kontra prodotti li jinsabu li jikkontravvjenu l-imsemmija drittijiet, u dan kollu kif ben spjegat mill-ananlizi li ghamlet rapprezentant tas-socjeta’ rikorrenti estera Nike Italy SLR ghas-socjeta` rikorrenti (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. “E”);

Illi din il-konsenja ta' zraben sportivi bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-**Kap. 414** wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar dan il-kaz (Dok. “H”);

Illi huwa principju ben stabbilit fit-Trattat tal-Komunita' Ewropea u fil-kazistika tal-'European Court of Justice' illi r-Regolamenti mahruga mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ghandhom effett dirett gewwa l-pajjizi Membri tal-Unjoni Ewropea u ghaldaqstant il-provvedimenti legali tar-**Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003** u **tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993** fuq *Trademark* Komunitarji ghandhom jigu nvokati direttament mill-Qrati Maltin fil-kwistjonijiet u l-kawzi li jkunu qed jigu trattati quddiemhom;

Illi l-**artikolu 9 tal- Avviz Legali Numru 233 tal-2003** intitolat **"regoli tal-2003 dwar it-*Tradmark* Komunitarja"** jistipula illi ghall-finijiet tal-**artikolu 91 tal-imsemmija Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94,** il-Qrati Maltin li jistghu jittrattaw dwar *Trademarks* Kominitarji huma l-Prim' Awla tal-Qrati tal-Appell;

Illi l-Avukat Dr. David Tonna *nomine* jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li inghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b' piraterija (skont l-**artikolu 2 (1) (a) u (b) tal-Kap 414** u/jew skont l-**artikolu 2 (1) (a) u (b) tal-Regolamenti tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003);**

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-msemmija konsenja ta' zraben sportivi, li tikkonsisti fi tlett elef, sitt mija u erbgha u ghoxrin (3,624) par b'*Container* Numru ECMU9672873, u fi tmin mija u erbgha (804) pari b'*Container* Numru TGHU7282829, ghal total ta' erbat elef, erba' mija u

tmienja u ghoxrin (4,428) par zarbun sportiv, da parti tas-socjeta’ intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini skont l-**artikolu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii) u (b) tal-Kap. 144 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini))** u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-**artikolu 4** tal-istess **Kap. 414** u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f’ isem is-socjeta` rikorrenti bin-Numru 17123 u 17125 fir-Registru tal-Markji ta’ Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha “Swoosh Design”;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din l-msemmija konsenja ta' zraben sportivi vjolazzjoni tal**-artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolamenti tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003,** u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f’isem is-socjeta` rikorrenti bin-Numri 17123 u 17125 fir-Registru tal-Markji ta’ Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjoni tat-*Trademarks* Komunitarji Numru 000277632 (“Swoosh Design” – “outline form”) u Numru 000277517 (“Swoosh Design” – “solid form”) registrati f’ isem is-socjeta` rikorrenti (dan kollu skont il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta’ Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropea)), u /jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha “Swoosh Design”;

4. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-socjeta’ rikorrenti a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta’ intimata, skont l-**artikolu 8 tal-Kap. 414**;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista’ skont it-termini tal-**Att dwar Drittijiet Dwar Proprejta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) – Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta** u/jew skont it-termini tar-**Regolament tal-Kunsill (EC) Numru**

**1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003**, fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti;

6. Tordna lis-socjeta' intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skont it-termini tal-**Kap. 414**;

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta' intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 5 u 6) u tmien dokumenti (8) li huma esebiti u mmarkati minn Dok. "A" sa Dok. "H" kif jidhru a fol. 9 sa fol. 28 tal-process.

Rat id-digriet datat 21 ta' Ottubru 2008 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita' intimata.

Rat li dan ir-rikors giet appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-22 ta' Jannar 2009, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta' l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 12 ta' Settembru 2008 (fol. 64) fejn ecceppew li:-

1. Illi huma ma jafux bil-fatti li waslu ghal din il-kawza izda kif l-attur *nomine* jkun jista' jghaddilhom aktar taghrif partikolarment l-indirizz tas-socejta` li ghaliha nhatru biex jidhru, huma jaghmlu l-almu taghhom biex jigbru t-taghrif mehtieg halli jikkontestaw il-kawza kif imiss.

Rat il-lista ta' xhieda tal-istess kuraturi a fol. 64 tal-process.

Rat in-nota tar-rikorrent Dr. David Tonna *nomine* datata 13 ta' Awissu 2008 a fol. 60 tal-process li biha esebixxa l-affidavit tal-ufficjal tad-Dwana George Agius (Dok. "GA1"),

kopja originali tar-rapport tal-analizi mahrug minn Jocelyn Robiot u Sarah Talbot (Dok. “F” u Dok. “DT 1”).

Rat in-nota tar-rikorrenti datata 12 ta’ Dicembru 2008 (fol. 65) fejn gie esebit prospett (Dok. “DT2”) li fih hemm dettalji dwar il-*quantum* ta’ l-ispejjez li jkunu jridu jithallsu mis-socjeta` intimata fl-eventwalita` illi din il-Qorti tilqa’ s-sitt talba tas-socjetajiet rikorrenti kif dedotta fir-rikors guramentat. Flimkien mal-prospett gew annessi tliet dokumenti mmarkati Dok. “PR 1” sa Dok. “PR 3”.

Rat ir-rikors tal-intimat *nomine* datat 6 ta’ Jannar 2009 a fol. 81 tal-process fejn l-esponent talab lill-Qorti joghgobha tahtar lill-P. L. Liliana Buhagiar minflok il-P.L Doreen Aquilina fl-atti kollha ta’ din il-kawza; u l-Qorti laqghet it-talba bid-digriet taghha moghti fit-8 ta’ Jannar 2009 kif jidher a fol 84 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-22 ta’ Jannar 2009 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Jannar 2009.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi f’din il-kawza jirrizulta li fuq il-vapur CMA – CGM – PASSIFLORE li gie Malta fit-18 ta’ Awissu 2008 kien hemm *Container* Numru ECMU9672873 u *Container* Numru TGHU7282829 u li fit-22 ta’ Awissu 2008 jirrizulta li kien hemm rispettivament fihom konsenja ta' zraben sportivi, li tikkonsisti fi tlett elef, sitt mija u erbgha u ghoxrin (3,624) par u fi tmin mija u erbgha (804) pari, ghal total ta’ erbat’ elef, erbgha mija u tmienja u ghoxrin (4,428) par zarbun sportivi destinati ghal ghand is-socjeta’ intimata (Dok. “GA1” – affidavit tal-ufficjal tad-Dwana George Agius – datat 12 ta’ Dicembru 2008) u li l-ufficjali tad-Dwana ssuspettaw li kienu foloz u ghalhekk gew

mizmuma sabiex isiru ezamijiet fuqhom, kif fil-fatt sar u minn dan irrizulta li l-istess ooggetti huma foloz (Dok. “E” – Dok. “DT 1”) u allura jikkontravvjenu d-dritt ta’ l-uzu ta’ markji u proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ rikorrenti kif indikat fir-rikors guramentat. B’hekk l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u fil-fatt ma huma bl-ebda mod kontrastati.

Illi dwar spiza in konnessjoni mas-sitt talba attrici din tidher li tammonta ghal €3,429 (Dok. “DT2” – Dok. “PR1” sa Dok. “PR 3”) u ghalhekk salv li din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames (5) talba attrici, tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra kif hawn deciz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, u filwaqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba attrici, tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz,** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b’ piraterija (skont l-**artikolu 2 (1) (a) u (b) tal-Kap 414** u/jew skont l-**artikolu 2 (1) (a) u (b) tal-Regolamenti tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003);**

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din l-msemmija konsenja ta' zraben sportivi, li tikkonsisti fi tlett elef, sitt mija u erbgha u ghoxrin (3,624) par b’*Container* Numru ECMU9672873, u fi tmin mija u erbgha (804) pari b’*Container* Numru TGHU7282829, ghal total ta’ erbat’ elef, erbgha mija u tmienja u ghoxrin (4,428) par zarbun sportivi, da parti tas-socjeta’ intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta’ intellettwali

tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini skont l-**artikolu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii) u (b) tal-Kap. 144 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini))** u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess **Kap. 414** u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f' isem is-socjeta` rikorrenti bin-Numru 17123 u 17125 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "Swoosh Design";

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-msemmija konsenja ta' zraben sportivi vjolazzjoni tal**-artikolu 2 (1) (a) u (b) tar-Regolamenti tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003,** u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f' isem is-socjeta` rikorrenti bin-Numri 17123 u 17125 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjoni tat-*Trademarks* Komunitarji Numru 000277632 ("Swoosh Design" – "outline form") u Numru 000277517 ("Swoosh Design" – "solid form") registrati f' isem is-socjeta` rikorrenti (dan kollu skont il-provvedimenti tar-**Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-*Tradmark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropea))**, u /jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "Swoosh Design";

4. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana a bazi tal-ewwel, it-tieni u t-tielet talba attrici sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' mija u ghoxrin (120) gurnata mid-data ta' din id-decizjoni jiddistruggi z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta' intimata, skont l-**artikolu 8 tal-Kap. 414**;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba ghaliex ma' hemmx bzonnha.

6. Tordna lis-socjeta' intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skont it-termini tal-**Kap. 414** ammontati ghall-

tlett elef, erba' mija u disgha u ghoxrin ewro u sitta u hamsin centezmu (€3,429.56);

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------